# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR.IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

## Seduta tal-lum il-Ġimgħa 14 ta' Ġunju, 2024

**Rikors Kostituzzjonali Nru.: 1277/2023MH**

**Numru:**

**HSBC Bank Malta plc (C3177)**

**Vs.**

**Anthony Attard u**
**Francianne Ellul**

Il-Qorti rat ir-rikors ġuramentat fejn ġie premess u mitlub kif ġej;-

*"Rikors ta' HSBC Bank Malta plc*

*Tesponi bir-rispett u Dr.Claudia Muscat, debitament awtorizzat, bil-gurament jikkonferma:*

1. *Illi l-intimati huma debituri tas-societa attrici fl-ammont ta' euro15353.67 rappresentanti euro15289.12 bhala kapital u euro64.55 bhala imghax ikkalkulat sat-16 ta' Awissu 2023 liema ammont huwa dovut mill-intimati wara somma giet debitament mislufa lill-intimati fuq facilita' ta' Home Loan (nru. 73517178)*

*wara li gie koncess permezz ta' kuntratti fl-atti tan-Nutar Sam Abela datat 4 ta' April 2001 u wara l-hrug ta' Sanction Letter datata l8 ta' Marzu 2001.*

2. *Illi l-intimati huma ukoll debituri fl-ammont ta' euro10,114 rappresentati n-kwantu ghal euro9970.85 kapital u euro144.02 imghax fuq homeloan numur 13517178 sas-16 ta Awissu 2023.*

3. *Illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsi l-ammont dovut, anki permezz ta' ittra ufficjali (bin-numru 2494/2022 il-intimati baqghu ma hallsux.*

*Ghaldaqstant s-societa attrici titlob li din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni:*

1. *Tiddikjara li lil l- intimati m'onorawx il-pagamenti miftiehma u b'hekk huwa iddekadew mill-beneficcju taz-zmien,*

2. *Tiddikjara li l-istess konvenuti huwa debitur tal-Bank attur fis-somma kumplessiva ta' euro25,468.54 oltre bl-imghax legali ulterjuri ta' 8% fis-sena mill-16 ta' Awissu 2023 sad-data tal-pagament finali liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.*

3. *Tikkundanna l-istess konvenuti ihallsu is-somma ta' euro25,468.54 oltre l-imghax legali ulterjuri ta' 8% mis-16 ta' Awissu 20233 sad-data tal-pagament finali*

*Bl-ispejjes inkluzi dawk tal- ittra ufficjali 2494/2022 u tal-mandat ta' sekwestru ppresentat kontestwalment kontra l-intimati li huma minn issa ngjunti ghas-subizzjoni.*

*Bl-imghax ulterjuri skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv."*

Rat id-digriet tagħha datat 27 ta' Frar, 2024.

Rat lil konvenuti ġew debitament notifikati.

Rat li fis-seduta ta' l-ewwel appuntament deher il-konvenut Anthony Attard assistit minn Dr. David Camilleri, li seduta stante qara u presenta nota ta' ammissjoni f'isem iż-żewġ konvenuti, dan anke wara lil Qorti spjegat il-konsegwenzi ta' l-istess.

Rat ukoll l-atti kollha tal-kawża u konsegwentement li Qorti għaddiet biex ippronunżjat id-debita deċiżjoni u konsegwentement qegħda taqta' u tideċiedi li fuq ammissjoni;

**Tiddikjara li lil intimati m'onorawx il-pagamenti miftiehma u b'hekk huwa iddekadew mill-benefiċċju taż-żmien,**

**Tiddikjara li l-istess konvenuti huwa debituri tal-Bank attur fis-somma kumplessiva ta' euro25,468.54 oltre bl-imgħax leġali ulterjuri ta' 8% fis-sena mill-16 ta' Awissu 2023 sad-data tal-pagament finali liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.**

**Tikkundanna l-istess konvenuti iħallsu is-somma ta' euro25,468.54 oltre l-imgħax leġali ulterjuri ta' 8% mis-16 ta' Awissu 20233 sad-data tal-pagament finali.**

**Bl-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2494/2022 u tal-mandat ta' sekwestru ppresentat kontestwalment kontra l-intimati.**

**Bl-imgħax ulterjuri skond il-liġi sad-data tal-pagament effettiv."**

**Onor. Miriam Hayman LL.D**
**Imħallef**

**Maraya Aquilina**
**Dep.Reġ**